**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att t' Akkuza nru: 22/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Jonathan Cassar**

**<u>Illum, 5 ta' Marzu 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Jonathan Cassar**, iben Lewis u Josephine nee' Mifsud, imwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju 1984 u residenti Block C, 17, Triq Sofija, Bormla, detentur tal-karta tal-identita Maltija numru **322684M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>L-EWWEL KAP</u>**

***<u>Assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga pjanta tal-cannabis</u>***

Illi fil-gimghat preċedenti ghat-tnejn (2) ta' Mejju 2019, Jonathan Cassar (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att t' Akkuza msejjah "l-akkuzat") xjentement iddeċieda li jassocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra bil-ghan illi tiġi ttraffikata d-droga pjanta tal-Cannabis hawn Malta.

Illi ghal dan il-ghan, fl-istess kuntest ta' żmien, u cioe' fil-gimghat preċedenti ghat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-akkuzat Jonathan Cassar ftiehem ma' ċerta persuna bl-isem ta' Jerome Azzopardi rigward traffikar tad-droga pjanta tal-Cannabis hawn Malta, fl-ammont ta' mija u tlieta u tletin kilogramma u nofs (133.5kgs).

Illi, ghal dan il-ghan l-akkuzat Jonathan Cassar u Jerome Azzopardi qablu bejniethom biex nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30), immorru flimkien ġewwa l-garaxx li kien qed jinkera mill-akkuzat Jonathan Cassar u cioe' 'Store 9' fi Triq Alfredo Cachia Zammit iz-Zejtun, u dana sabiex jittraffikaw l-imsemmija droga.

Illi, skont dan il-pjan, l-akkużat Jonathan Cassar u Jerome Azzopardi kellhom imorru l-garaxx 'Store 9' b'żewġ vetturi. L-akkużat Jonathan Cassar kellu jsuq lejn il-garaxx permezz tal-vann tiegħu tal-għamla 'Vauxhall' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DCJ 705', filwaqt li Jerome Azzopardi kellu jsuq lejn l-istess garaxx permezz tal-vettura tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508', liema vettuta kienet tappartjeni lill-omm l-akkużat Jonathan Cassar.

Illi, li ma kienux jafu l-akkużat Jonathan Cassar u Jerome Azzopardi kien, illi fil-ġurnata stess li kellhom jittraffikaw id-droga pjanta tal-Cannabis, u cioè nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija tal-iSkwadra ta' Kontra d-Droga rċevew informazzjoni kunfidenzjali li dakinhar, ġewwa l-garaxx 'Store 9' fi Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun, kienet ser tiġi ttraffikata d-droga. Għaldaqstant, fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija dlonk aċċedew ġewwa Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun, u wettqu sorveljanza fuq l-imsemmi garaxx.

Illi fil-fatt, waqt din is-sorveljanza li kienet qed issir, u cioè nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30), il-Pulizija nnotaw żewġ vetturi deħlin wara xulxin ġewwa l-garaxx 'Store 9' fi Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun. L-ewwel vettura li daħlet ġewwa l-garaxx kienet

dik tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508', li kienet qed tiġi misjuqa minn Jerome Azzopardi u, eżatt warajha, daħal vann tal-għamla 'Vauxhall' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DCJ 705', li kien qed jiġi misjuq mill-akkużat Jonathan Cassar. Hekk kif daħlu ż-żewġ (2) vetturi ġol-garaxx, ix-shutter tal-istess garaxx ingħalaq.

Illi xi sija u nofs wara, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00), il-Pulizija nnotaw ix-shutter tal-garaxx 'Store 9' fi triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun, jinfetaħ u, b'mod immedjat, daħlu ġewwa l-imsemmi garaxx fejn hemmhekk sabu pparkjati ż-żewġ (2) vetturi li kienu raw deħlin qabel. Kif daħlu ġol-garaxx, il-Pulizija sabu li kemm l-akkużat Jonathan Cassar u kif ukoll Jerome Azzopardi kienu qegħdin ġewwa l-vettura tal-għamla 'Toyota Passo'. L-akkużat Jonathan Cassar kien jinsab fuq in-naħħa tax-xufier u Jerome Azzopardi kien jinsab maġembu, fuq in-naħħa tal-passiġġier.

Illi minn tfittxija li saret fl-imsemmi garaxx, il-Pulizija sabu li ġewwa l-vann tal-għamla 'Vauxhall' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DCJ 705' kien hemm tlettax (13)-il bagalja u ġewwa l-vettura tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508' kien hemm żewġ (2) bagalji. Il-bagalji kollha li nstabu fiż-żewġ vetturi kienu ppakkjati bid-droga pjanta tal-Cannabis.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert forensiku maħtur mill-Qorti, irriżulta li l-ammont ta' pjanta tal-Cannabis misjuba fil-bagalji li kienu ġewwa l-vann tal-għamla 'Vauxhall' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DCJ 705' kien dak ta' mija u sbatax il-kilogramma u nofs (117.5 Kg), filwaqt li l-ammont ta' pjanta tal-Cannabis misjuba fil-bagalji li kienu ġewwa l-vettura tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508' kien dak ta' sittax-il kilogramma (16 Kg). B'hekk, il-piż totali tad-droga pjanta tal-Cannabis misjuba fil-pussess tal-akkużat Jonathan Cassar kien dak ta' mija u tlieta u tletin kilogramma u nofs (133.5 Kg). Mill-istess eżamijiet forensiċi rriżulta wkoll illi din id-droga kellha purità ta' ċirka tlieta u għoxrin fil-mija (23%) u kellha valur fis-suq stmat ta' bejn miljun, tlett mija u ħamsa u tletin elf ewro (€1,335,000) u tlett miljuni, seba' mija u tmienja u tletin elf ewro (€3,738,000).

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mogħtija nhar it-tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), preseduta mill-Onorabbli Imħallef Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija definittiva, l-akkużat Jonathan Cassar instab ħati u għaldaqstant huwa reċidiv.

Il-konsegwenzi:

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Jonathan Cassar sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika d-droga pjanta tal-Cannabis kollha jew biċċa minnha f'Malta, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja, din l-assoċazzjoni, u, kif ukoll, illi irrenda ruħu reċidiv.

L-akkuża:

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-akkużat Jonathan Cassar ħati, talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika d-droga pjanta tal-Cannabis kollha jew biċċa minnha f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja, din l-assoċazzjoni.

U billi l-akkużat Jonathan Cassar nstab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali qed taddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

Il-piena mitluba:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Cassar, reċidiv f'delitt, u li huwa jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)(7),(9), 22A, 24, 24A, u 26, tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, u r-regola 2, 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Jonathan Cassar.

**<u>IT-TIENI KAP</u>**
**<u>Pussess aggravat tal-pjanta cannabis</u>**

Il-fatti:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien hekk kif narrat fl-ewwel (1) Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija rċevew informazzjoni kunfidenzjali li dakinhar stess kienet ser tiġi ttraffikata d-droga ġewwa l-garaxx 'Store 9' fi Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun. Għaldaqstant, fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija dlonk aċċedew ġewwa Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun, u wettqu sorveljanza fuq l-imsemmi garaxx.

Illi fil-fatt, waqt din is-sorveljanza, u cioè nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30), il-Pulizija nnotaw żewġ (2) vetturi deħlin wara xulxin ġewwa l-garaxx 'Store 9' fi Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun, u hekk kif daħlu, ix-shutter tal-istess garaxx ingħalaq.

Illi xi sija u nofs wara, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00), il-Pulizija nnotaw ix-shutter tal-garaxx 'Store 9' fi Triq Alfredo Cachia Zammit, iz-Zejtun, jinfetaħ u, b'mod immedjat, daħlu ġewwa l-imsemmi garaxx fejn hemmhekk sabu pparkjati ż-żewġ (2) vetturi li kienu raw deħlin qabel. Kif daħlu ġol-garaxx, il-Pulizija sabu li kemm l-akkużat Jonathan Cassar u kif ukoll Jerome Azzopardi kienu qegħdin ġewwa l-vettura tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508'. L-akkużat Jonathan Cassar kien jinsab fuq in-naħħa tax-xufier u Jerome Azzopardi kien jinsab maġembu, fuq in-naħħa tal-passiġġier.

Illi minn tfittxijiet li saru ġol-imsemmi garaxx, il-Pulizija sabu li ġewwa l-vann tal-għamla 'Vauxhall' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DCJ 705' kien hemm tlettax (13)-il bagalja u ġewwa l-vettura tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508' kien hemm żewġ (2) bagalji, liema bagalji kienu kollha ppakkjati bid-droga pjanta tal-Cannabis.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert forensiku maħtur mill-Qorti, irriżulta li l-ammont ta' pjanta tal-Cannabis misjuba fil-bagalji li kienu ġewwa l-vann tal-għamla 'Vauxhall' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DCJ 705' kien dak ta' mija u sbatax il-kilogramma u nofs (117.5 Kg), filwaqt li l-ammont ta' pjanta tal-Cannabis misjuba fil-bagalji li kienu ġewwa l-vettura tal-għamla 'Toyota Passo' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCF 508' kien dak ta' sittax-il kilogramma (16 Kg). B'hekk, il-piż totali tad-droga pjanta tal-Cannabis misjuba fil-pussess tal-akkużat Jonathan Cassar kien dak ta' mija u tlieta u tletin kilogramma u nofs (133.5 Kg). Mill-istess eżamijiet forensiċi rriżulta wkoll illi din id-droga kellha purità ta' ċirka tlieta u għoxrin fil-mija

(23%) u kellha valur fis-suq stimat ta' bejn miljun, tlett mija u ħamsa u tletin elf ewro (€1,335,000) u tlett miljuni, seba' mija u tmienja u tletin elf ewro (€3,738,000).

Illi d-droga pjanta tal-Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga pjanta tal-Cannabis jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Jonathan Cassar ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mogħtija nhar it-tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), preseduta mill-Onorabbli Imħallef Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija definittiva, l-akkużat Jonathan Cassar instab ħati u għaldaqstant huwa reċidiv.

Il-konsegwenzi:

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Jonathan Cassar sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi rrenda ruħu reċidiv.

L-akkuża:

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-akkużat Jonathan Cassar ħati, talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess

tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

U billi l-akkużat Jonathan Cassar nstab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali qed taddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

Il-piena mitluba:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Cassar, reċidiv f'delitt, u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24, 24A, u 26, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Jonathan Cassar.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Ġunju, 2023 fejn espona bir-rispett:

1. Illi l-proċedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirrizulta mill-atti proċessawali, meta l-Maġistrat preċedenti u cioe Doreen Clarke ġiet elevata għal Imħallef u l-Istruttorja ġiet preseduta minn Maġistrat ieħor u cioe l-Maġistrat Donatella Frendo Dimech, qatt ma ingħatat eżenzjoni <u>mid-difiża</u> sabiex ma terġax tisma mill-ġdid l-provi mismugħa fil-kawża quddiem il-Qorti kif diversament u preċedentament preseduta;

2. Illi b'referenza għall-Ordni tal-Avukat Ġenerali a fol. 12 tal-proċess, fejn l-Avukat Ġenerali jordna li l-akkużat **<u>jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali</u>** l-esponenti jirrileva s-segwenti:

    a) Illi teżisti diskrepanza bejn it-test Malti li jaqra **<u>titressaq quddiem il-Qorti Kriminali</u>** u t-test Ingliż li jaqra ***<u>shall be tried in the Criminal Court</u>***. Illi ***tried*** hija tradotta fil-Malti l-kelma ġudikat filwaqt illi jitressaq hija tradotta bl-Ingliż bil-kelma ***arraigned***;

    b) Illi filwaqt li huwa minnu li sabiex persuna <u>tiġi ġudikata mill-Qorti Kriminali</u> l-ewwel trid issir il-kumpilazzjoni però dak ordnat a fol. 4 mill-Avukat Ġenerali jew ma jistax iseħħ jew f'dan il-każ ma seħħx għaliex meta ġie mressaq ***<u>(arraigned)</u>*** huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għaldaqstant jew il-liġi qed tikkontempla proċedura żbaljata jew dak kontemplat mil-liġi ma ġiex segwit, li fil-każ il-wieħed jew l-ieħor għandu jġib in-nullita' tal-proċeduri;

3. Illi wkoll din il-Qorti għandha tordna l-isfilz tar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada mmarkata bħala Dok MBZ u d-deposizzjoni tal-istess a fol 680 et. seq. u dana stante illi kienet il-Qorti tal-Maġistrati mater propriu li ddeċiediet waħedha u min jhedda fl-assenza tal-legali tal-akkużat u mingħajr ma talbet kjarifika lil Avukat Generali l-inkarigu li għandu jaqdi Dr. Martin Bajada ossia l-perjodu li dwaru intalab jespleta l-cross match. Illi kienet ukoll l-istess Qorti illi nhar il-25 ta' Jannar 2023 mhux talli indikat il-perjodu iżda talli ordnat wkoll illi "din il-

cross-match tkun limitata għaċ-ċellulari elevati mingħand l-imputat kif ukoll Jerome Azzopardi." (a fol. 676);

4. Illi qiegħed jintalab l-isfilz ta' dak kollu li seta' qal l-akkużat qabel ma ngħata d-drittijiet legali tiegħu mal-mument tal-arrest meta l-Pulizija daħlet fuqu u fuq Jerome Azzopardi ġewwa l-garaxx. Illi stante illi ma jirriżultax illi huwa ngħata d-dritt legali tiegħu qabel ma huwa tkellem mal-Pulizija, tali stqarrijiet u kwalsiasi referenza għalihom għandu jiġu sfilzati mill-atti proċesswali;

5. Illi wkoll għandha tiġi sfilzata mill-atti s-sustanza allegatament cannabis inkluż iżda mhux biss għall-esebiti 066_19_01 sa 066_19_15 kif ukoll id-DOK GS1 li ġew esebiti u dan flimkien mal-isfilz tar-relazzjonijiet kollha relatati magħhom u dan stante li mhux biss ma ġiex segwit dak rikjest mill-Avviż Legali 121/2002 tal-Kap 9, (li jistipula illi a tenur tal-Artikolu 669 (2) tal-Kap 9 ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċinali perikolużi meta dawn inżammu taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Qrati), illi talli tali inosservanza tagħti lok ukoll għal difett proċedurali serju dwar il-kontinwita' ta' evidenza li allura hija ukoll difettuża;

6. Illi inoltre għandha tiġi sfilzata wkoll ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut (a fol. 89 et. seq tal-inkjesta) stante illi d-droga misjuba ġiet analizzata fil-laboratorju illi dak iż-żmien ma kienx akkreditat. Di piu, l-analiżi saret minn spiżjar illi x'aktarx fiż-żmien tal-każ lanqas ma kellu accreditation speċifika huwa personalment, sabiex jeżegwixxi dawn l-istess testijiet; Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Labortarju u tax-xjenzat hawn imsemmi ma jwassalx għas-serħan tal-moħħ fl-esponenti illi l-analizzar, il-ġbir u r- riżultanzi miksuba mill-istess Xjenzat huma attendibbli u safe li wieħed joqgħod fuqhom anke in vista tal-prinċipju bażiku lill-prosekuzzjoni tenuta tressaq l-aqwa prova;

7. Illi l-akkużat qiegħed ukoll jitlob l-isfilz ta' evidenza, xhieda u dokumenti dwar Jerome Azzopardi u li ma ġewx elevati jew magħmula in konessjoni ma' Jonathan

Cassar jew li m'għandhom l-ebda relevanza għall-każ odjern partikolarment fejn Dr Martin Bajada inkluda li estratta miċ-ċellulari ta' Jerome Azzopardi fir-rapport tiegħu mmarkat Dok MB1;

8. Illi l-akkużat qiegħed jitlob ukoll l-isfilz tax-xhieda kollha fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirriżultax li ġew amministrati l-ġurament ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodiċi Kriminali u skont l-format stabbilit fl-Artikolu 577 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jiġi sfilzati wkoll l-oġġetti esebiti matul dik x-xhieda.

Illi trid issir distinzjoni bejn verbal u x-xhieda nfisha u illi mhux biżżejjed jingħad min ikun qiegħed jixhed iżda x-xhieda biex tkun valida irid jirriżulta testwalment li x-xhud qed jiġi mogħti l-ġurament mir-reġistratur ai termini tal- Artikolu 632 tal-Kodiċi Kriminali u jiġi reġistrat ukoll l-format tal-ġurament li qed jittieħed fil-forma ta" "*Int A.B. ahlef (jew, wettaq solennement) li x-xichda li sejjer taghti, tkan is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa. Hekk Alla jghinek.*"

Illi filwaqt li jeżistu verbali fejn jingħad li xhieda xehdu bil-ġurament pero ma jirriżultax mill-atti l-amministrazzjoni nfsiha tal-ġurament u in mankanza ta' din il-prova x-xhieda għandhom ikunu sfilzati stante li hemm distinzzjoni netta bejn verbal u l-fatt innifsu li jkun qed jiġi ndikat permezz ta' dak il-verbal.

Illi jingħad in oltre, illi lanqas ir-rekwiziti fl-Artikolu 390 (6) tal-Kap 9 ma ġewx osservati fit-traskrizzjonijiet tax-xhieda fil-kumpilazzjoni u għaldaqstant għandhom jiġu sfilzati u dana meta *Il-qorti tista', wara li tqis ic-cirkostanzi tal-każ, ex officio, tordna li t-tweġibiet moghtija mix-xhud, jew is-sustanza taghhom, jittiehdu........jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi........Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika ghandha tigi traskritta taht id-direzzjoni tar-registratur u traskrizzjoni għandha tidhol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-typewriter u ghandha tingara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-registratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni;*

**Ikkunsidrat**,

Permezz **tal-ewwel eċċezzjoni** tiegħu l-akkużat qiegħed jgħid li l-proċedura tal-kumpilazzjoni hija nulla u dan stante l-fatt li l-Maġistrat Donatella Frendo Dimech qatt ma ngħatat eżenzjoni mid-difiza sabiex ma terġax tisma' mill-ġdid il-provi mismugħa fil-kawża quddiem l-allura Maġistrat Doreen Clarke. Illi din il-Qorti fliet l-atti kollha, rat id-digriet tal-assenjazjoni ta' dawn il-proċeduri mill-Imħallef Clarke għall-Maġistrat Frendo Dimech a fol. 674 tal-proċess, madankollu, huwa minnu illi l-akkużat ma eżentax lil Magistrat Frendo Dimech milli terġa' tisma' l-provi. Iżda, din il-Qorti ma taqbilx ma l-argument tal-istess akkużat fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni u tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ismael Habesh et**[1] fejn ġie ritenut hekk:

> *'22. Illi kwantu għat-tielet eċċezzjoni, l-akkużat jilmenta li minkejja li kien hemm il-**bdil fil-Maġistrat li mexxa l-kompilazzjoni ma kienx hemm l-eżenzjoni** la minn naħa tad-Difiża u l-anqas minn naħa talProsekuzzjoni għall-ħtieġa o meno jekk riedux li jerġgħu jittellgħu jixhdu xhieda li jkunu ġja xehdu preċedentement. L-akkużat saħaq li dan jammonta għal irregolarita insanabbli fil-proċeduri in kwantu l-Avukat Ġenerali naqas milli jara li tali difett jiġi sanat matul il-kors tal-istruttorja, ħaġa li evidentement ma għamilx.*
>
> *23.**Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument**. Minn natura tiegħu dan il-każ huwa prosegwibbli biss quddiem din il-Qorti bil-proċedura tal-Ġuri. **Ir-rwol tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'dan il-każ huwa li tiġbor u taħżen il-provi li eventwalment għad iridu jiġu prodotti quddiem il-Ġuri. Huwa l-Ġuri li jrid jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-fatt wara li jkun sema' lix-xiehda viva voce u ra' d-dokumenti u l-eżebiti prodotti u jkun għarbel l-istess. F'dan il-kuntest, ikun inutli,***

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-15 ta' Dicembru, 2020.

***jekk mhux ukoll ħela ta' ħin prezzjuż jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tkun meħtieġa tadotta l-proċedura msemmija mill-akkużat fin-nota tiegħu – meta dik il-Qorti ma tkunx adita li hi stess tiddeċiedi fuq il-meritu.***

***24.L-iskop prinċipali tal-proċedura invokata mill-akkużat huwa li f'dawk il-każijiet li jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qorti tal-Maġistrati - u fejn allura dik il-Qorti tkun tista' jiġi vestita bis-setgħa li tiddeċiedi l-meritu tal-każ - il-Maġistrat sedenti jkun f'qagħda li, bħala regola, jerġa jisma' lix-xiehda li jkunu diġa nstemgħu mill- Maġistrat preċedenti u dan sabiex il-Maġistrat il-ġdid ikun f'qagħda li jagħmel evalwazzjoni tajba tax-xiehda tal-istess xhieda, inter alia skont il-kriterja msemmija fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali. F'dak il-kuntest żviluppat il-prassi invokata mid-Difiża f'dan il-każ.***

*25.Din il-prassi, bażata fuq eżiġenzi ta' prattiċita u speditezza fid-determinazzjoni tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġiet elaborata wkoll in vista ta' dak mistqarr fis-sentenza Il-* **<u>Pulizija vs. Joseph Bartolo</u>** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar id-9 ta' Settembru 1999 fejn ġie deċiż is-segwenti:*

*3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni*

*tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnej lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' rregola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza flismijiet **<u>Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef,</u>** ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni*

***26. Din hija l-loġika wara dik il-proċedura imsemmija mill-akkużat fin-nota tiegħu li pero ma għandhiex titqies applikabbli għall-kuntest ta' dan il-każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx sejra tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-każ u tippronunzja s-sentenza.***

***27.Għaldaqstant it-tielet eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.'***

Illi l-Qorti hekk kif ippreseduta mill-Maġistrat Frendo Dimech kienet il-Qorti tal-Maġistrati li kienet qedgħa taġixxi bħala Qorti Istruttorja u għalhekk ma kinietx ser tieħu konjizzjoni tal-mertu u tiddeċiedi dwaru. Għaldaqstant, din il-proċedura hekk

kif invokata mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni mhix essenzjali u għalhekk din il-Qorti qedgħa tiċħad l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-akkużat Jonathan Cassar.[2]

**It-tieni eċċezzjoni** tal-akkużat tiffoka fuq l-Ordni tal-Avukat Ġenerali esbita a fol. 12 tal-proċess u fejn l-istess akkużat qiegħed jgħid li hemm diskrepanza bejn it-test Malti u t-test Ingliż. Filwaqt li bil-Malti hemm mniżżel *'jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali'* bl-Ingliż jaqra '*shall be tried in the Criminal Court'*. L-akkużat qiegħed jinterpreta l-kelma *'jitressaq'* bħala '*arraigned*' u '*tried*' bħala '*gudikat*'. L-akkużat kompla sabiex argumenta illi dak ordnat mill-Avukat Ġenerali jew ma jistax iseħħ jew f'dan il-każ ma seħħx għaliex huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux quddiem il-Qorti Kriminali. Għaldaqtant huwa qiegħed jargumenta illi jew il-liġi qedgħa tikkontempla proċedura żbaljata jew dak kontemplat mill-liġi ma ġiex segwit u għalhekk għandu jkun hemm nullita' tal-proċeduri.

Din il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tagħmel referenza għall-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi hekk:

> *'Hlief kif provdut xort'ohra mill-Parlament, kull ligi ghandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliz u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi ligi, **it-test Malti ghandu jipprevali'***[3]

Din il-Qorti mhux tiċħad illi teżisti nuqqas ta' ċertezza legali f'dan ir-rigward, madankollu dan mhux il-forum fejn dan għandu jiġi deċiż u jekk il-partijiet jixtiequ kjarezza f'dan ir-rigward għandhom jirrikorru għal-forum adegwat.

---

[2] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi** deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar il-11 ta' Mejju, 2023.

[3] Ara f'dan ir-rigward **Il-Pulizija vs Kenneth Debattista** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Dicembru, 2009; **Il-Pulizija vs Clinton Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-13 ta' Jannar 2010; **Il-Pulizija vs Silvan Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell har it-13 ta' Jannar 2010 u **Il-Pulizija vs Raymond Rossignaud et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-30 ta' Jannar 2018.

L-Ordni tal-Avukat Ġenerali li hu esebit fol. 12 tal-proċess hu bbażat fuq l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi din l-Ordni tikkonsisti fi tlett paragrafi fejn l-ewwel wieħed jagħmel referenza għal dan l-Artikolu tal-liġi u t-tieni paragrafu jipprovdi d-dettalji tal-akkużat. Sussegwentament, it-tielet paragrafu jipprovdi s-segwenti:

> *'jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra taghha ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.'*

Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni tal-paragrafu suċitat fit-totalita' tiegħu, jkun jista' jifhem illi s-sustanza tiegħu hija li l-akkużat għandu jwieġeb għall-akkużi tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali, minkejja l-fatt li jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex isir il-ġbir tal-provi. Oltre minn hekk, din il-Qorti hi tal-fhema illi każijiet bħal dawn żgur ma jwasslux għan-nullita' tal-proċeduri. Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat qedgħa wkoll tiġi miċħuda fit-totalita' tagħha.

Permezz **<u>tat-tielet eċċezzjoni</u>** tiegħu l-akkużat jgħid illi l-Qorti għandha tordna l-isfilz tar-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada mmarkata bħala Dok MBZ kif ukoll id-dispozizzjoni tiegħu a fol. 680 et seq u dan stante li kienet il-Qorti tal-Maġistrati waħedha fl-assenza tal-legali tal-akkużat u mingħajr ma talbet kjarifika lil Avukat Ġenerali, l-inkarigu li għandu jaqdi Dr Bajada ossia l-perjodu li dwaru intalab jespleta *l-cross match*. In oltre, nhar il-25 ta' Jannar, 2023 l-Ewwel Qorti ordnat li '*din il-cross match tkun limitata ghac-cellulari elevat minghand l-imputat kif ukoll Jerome Azzopardi'*.[4]

Illi din il-Qorti tinnota illi a fol. 640 tal-proċess, l-Avukat Ġenerali permezz tar-rinvju datat it-30 t' Awwissu, 2022 talab sabiex jiġi estiż l-inkarigu ta' Dr Martin Bajada bil-għan illi jwettaq *cross-match analysis* bejn il-*mobiles* analizzati minnu fir-relazzjoni tiegħu mmarkata bhħla Dok MB1. Illi din il-Qorti rat ukoll il-verbal tal-Ewwel Qorti datat l-25 ta' Jannar, 2023 fejn hemm miktub is-segwenti:

---

[4] A fol. 676 tal-process.

*'Deher Dr Martin Bajada li talab li dwar l-inkarigu lilu moghti ghandu jigi ndikat lilu l-perjodu li dwaru qed jintalab l-espleta l-inkarigu u cioe l-cross match. F'dan is-sens il-Qorti qed tindika li l-perjodu ma ghandux jkun jipprecedi l-bidu tas-sena 2019.*

*Il-Qorti qed tordna li din il-cross match tkun limitata ghac-cellulari elevati minghand l-imputat kif ukoll Jerome Azzopardi'*

Issir referenza għall-Artikolu 397(1) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar is-setgħa tal-Maġistrat matul il-kumpilazzjoni. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*'397. (1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa, kif ukoll il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, it-teħid ta' xi kampjun* ***u kull miżura jew ħaġa oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox.'***

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti ma għamlet xejn li mhux fil-poteri tagħha li tagħmel u għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat qegħda tiġi respinta.

Permezz tar-**raba' eċċezzjoni** tiegħu l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz ta' dak kollu li seta' qal l-akkużat qabel ma ingħata d-drittijiet legali tiegħu mal-mument tal-arrest meta l-Pulizija daħlet fuq u fuq Azzopardi ġewwa l-garaxx. L-akkużat qed jgħid illi ma jirriżultalux illi huwa ngħata d-dritt legali tiegħu qabel ma huwa tkellem mal-Pulizija, tali stqarrijiet u kwalsiasi referenza għalihom għandu jiġi sfilzat mill-proċess.

Illi ma hemmx dubju, anke kif saħansitra qal ukoll l-Avukat Ġenerali waqt it-trattazzjoni tiegħu, illi dak kollu li qal l-akkużat qabel ma ngħata d-drittijiet legali tiegħu huwa inammissibli. Madankollu, l-akkużat permezz ta' din l-eċċezzjoni mhux qed jispeċifika għal liema diskors speċifiku huwa qiegħed jitlob l-isfilz. In oltre, l-

akkużat lanqas ma elabora b'mod speċifiku fuq dan il-punt waqt it-trattazzjoni nhar it-8 ta' Jannar, 2024. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fhema li f'dan l-istadju, la tista' tilqa' u lanqas tiċħad din l-eċċezzjoni purche' hija vaga u wiesa' fl-interpretazzjoni li tista' tingħata. Għaldaqstant, din il-Qorti qedgħa tirriserva milli tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni sakemm l-akkużat permezz ta' nota jindika b'mod speċifiku dak li hu jemmen li għandu jiġi sfilzat f'dan ir-rigward.

Fir-rigward **il-ħames eċċezzjoni**, l-akkużat isostni illi l-Qorti għandha wkoll tordna l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fi droga *cannabis* inkluż iżda mhux biss għall-esebiti 066_19_01 sa 066_19_15 kif ukoll id-DOK GS1 u dan flimkien mal-isfilz tar-relazzjonijiet kollha relatati magħhom u dan stante li mhux segwit dak rikjest mill-Avviż Legali 121/2002 tal-Kap. 9. Dan tal-aħħar jistipula illi a tenur tal-Artikolu 669(2) tal-Kap. 9 ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċinali perikolużi, madankollu dawn inżammu taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Qrati.

lli l-Artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali iqiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali r-responsabbilita' li jżomm fil-kustodja tiegħu l-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Sussegwentament, l-Artikolu 669 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti s-setgħa lir-Reġistratur tal-Qorti jikkustodixxi l-oġġetti kollha li jiġu eżebiti fil-Qorti, jgħid hekk: -

> *(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.*
>
> *(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur **jista'**, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista'*

*jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.* (sottolinear tal-Qorti)

Illi, mid-dicitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodici Kriminali, senjatament mill-kelma "**jista'**", jirriżulta biċ-ċar li l-leġislatur kien qiegħed jagħti lir-Reġistratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jaħtar persuna oħra biex iżomm oġġetti f'ismu. Li kieku l-leġislatur kien qed jimponi fuq ir-Reġistratur obbligu sabiex huwa jgħaddi ċerti oġġetti lill-entita' terza, ċertament li s-setgħa ma kienitx tkun waħda fakoltattiva iżda tassattiva.[5]

In oltre, l-akkużat qed isostni illi tali inosservanza tagħti lok ukoll għal difett proċedurali serju dwar kontinwita' t'evidenza. Fl-appell fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**,[6] il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

> *'lli, imbagħad fuq l-allegazzjoni ventilata mill-appellant illi hemm difett proċedurali dwar il-kontinwita ta'l-evidenza, din il-Qorti stqarret illi "l-ewwel ħolqa fil-katina tal-evidenza sseħħ meta, f'dan il-każ taħt il-lenti tal-qorti li jitratta reati dwar pussess aggravat ta' droga, tiġi misjuba dik id-droga mill-investigatur, bit-tieni ħolqa tkun dak il-mument li d-droga tkun elevata u mneħħija mill-pussess tas-suspettat. Minn hawn l-uffiċjal tax-xena tar-reat irid jara li din tkun minnu kkustodita u ikkatalogata sakemm tkun mgħoddija lill-espert tal-qorti għall-eżamijiet forensiċi. L-aħħar ħolqa fil-katina tinħoloq meta l-espert igħaddi lura dik l-evidenza lil qorti. Minn hawn jitwieled id-dmir fil-qorti li dik l-evidenza tiġi ppreservata u kkustodita sal-mument meta jintemmu l-proċeduri kriminali. Din il-mansjoni ta' kustodja hija fdata f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, kif ingħad. Dan ifisser illi ma jistax jkun hemm ksur fil-katina tal-evidenza li b'xi mod tista' tikkontamina l-evidenza li trid issir permezz*

[5] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Victor Buttigieg** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2023.
[6] Deciza nhar it-22 ta' Novembru, 2023.

> *tal-oġġett eżebit mill-mument li din l-evidenza tgħaddi f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti jekk il-prova li trid temerġi tkun diġa' saret bl-analiżi mill-espert maħtur għal dan il-għan. .... Illi dawn il-fatturi, fil-fehma tal-Qorti jolqtu aktar is-saħħa probatorja ta' dik l-evidenza u mhux daqstant l-ammissibbbilita' tal-istess, fatturi li finalment iridu jemerġu mill-provi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta imbagħad ikun fdat f'idejn il-ġurija.'*

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qedgħa tiċħad ukoll l-eċċezzjoni nnumerata numru ħamsa.

Permezz **tas-sitt eċċezzjoni** tiegħu l-akkużat qed jitlob li tiġi sfilzata r-relazzjoni tax-Xjenzat Sammut (a fol. 89 et seq tal-inkjesta) stante li d-droga misjuba ġiet analizzata f'laboratorju illi dak iż-żmien ma kienx akkreditat u li x'aktarx x-xjenzat anqas ma kellu *accreditation* speċifika personalment.

Il-Council Framework decision 2009/905/JHA kif implimentata permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.13 mhix applikabbli għall-akkreditazzjoni tal-Labortaorju dwar sustanzi illeċiti iżda biss fuq a) profil tad-DNA u b) Data dattiloskopika. F'dan ir-rigward din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għas-sentenza riċenti deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Farrugia**[7] fejn ġie ritenut hekk:

> *'10. Illi l-għan wara l-istandard ta' akkreditazzjoni hekk imsejħa ISO/IEC 17025 jippermetti lill-laboratorji juru li qegħdin joperaw b'mod kompetenti u li jiġġeneraw riżultati validi, u b'hekk isaħħu l-fiduċja fix-xogħol tagħhom kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll madwar id-dinja.* ***Dan ma jfissirx, madanakollu, illi jekk analiżi ma tkunx saret f'laboratorju akkreditat allura il-prova magħmula permezz ta' dik l-analiżi hija waħda inattendibbli jew monka***

[7] Deciza nhar is-26 t' April, 2023.

***fil-kontenut tagħha, u li l-konklużjonijiet milħuqa minn dik l-analiżi huma difettużi***. *Illi l-valur probatorju ta' evidenża jitkejjel mill-probabbiltà li dik l-evidenza tilħaq l-iskop tagħha ta' prova ta' fatt rilevanti għal każ. Dan hu wieħed mill-elementi ewlenin tal-ammissjoni tal-provi, peress li l-provi ammessi għal ġudizzju għandhom ikunu rilevanti, u għandhom ikunu tali illi jirrendu l-fatt in ġudizzju aktar probabbli jew inqas probabbli li seħħ, tkun kemm tkun żgħira l-probabbiltà tagħha.* ***Dan ifisser illi diment li l-evidenza tkun rilevanti għal 'facts in issue' din m'għandiex titwarreb leġġerment sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi l-ammissjoni ta' dik l-evidenza bħala prova in atti, u li allura tirrendieha inammissibbli.***

*11.* ***Illi kif tajjeb mistqarr mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tinneċċessita illi laboratorju forensiku fejn isir l-analiżi ta'sustanzi illeċiti għandu jkun akkreditat skont l-istandard hawn fuq imsemmi.*** *Dan għaliex il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, u allura il-qafas regolatorju Ewropew li abbażi ta'l-istess huma imfassla dawn ir-regolamenti, japplika unikament għall-evidenza dattiloskopika u għall-analiżi tad-DNA.* ***Il-liġi hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni****, bir-regolament 6, imbagħad, iħalli f'idejn il-qrati nazzjonali li jaddottaw dawk ir-regoli u liġijiet li jikkonċeraw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza mqiegħda quddiemhom.*

*12. Illi l-Qorti għalhekk* ***ma tistax taqbel mal-argument miġjub 'il quddiem mid-difiża*** *fl-ewwel aggravju minnhom intentat meta ssostni illi bil-fatt illi l-prova li saret permezz tal-analiżi magħmula minn espert nominat mill-Qorti mhijiex l-aħjar prova li tista' tingħata. Dan ukoll għaliex* ***il-liġi stess ma tirrikjediex illi l-analiżi ta' droga neċessarjament ssir f'laboratorju akkreditat****. Dan hu evidenzjat iktar u iktar mix-xiehda tal-espert stess li għamel l-analiżi*

*forensika fejn ikkonferma u allura serraħ ras il-Qorti u anke tal-partijiet illi* ***l-analiżi minnu magħmula saret b'konformita' mal-linji gwida maħruġa mill-European Network of Forensic Science Institutes, b'apparat illi huwa xorta waħda akkreditat għalkemm mhux b'mod formali, liema akkreditazzjoni ssir kull sena, biex b'hekk ma hemmx dubbju dwar il-kompetenza teknika tal-laboratorju fejn saret din l-analiżi****.* ***Dan ixejjen allura l-argument tad-difiża billi huwa evidenti illi lanaliżi tad-droga saret b'tali mod illi ma tħalli ebda dubbju li hija affidabbli u professjonali. Fuq kollox il-liġi stess ma torbotx lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika li jistrieħ fuq il-konkluzjonijiet milħuqa mill-esperti tal-qorti jekk huwa tal-fehma kuntrarja. B'dan għalhekk illi finalment il-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-evidenza ghandħa tkun imħollija interament f'idejn il-ġurati u dan wara d-debita direzzjoni mogħtija mill-Imħallef li jkun qed jippresjedi il-ġuri.***

*13. Finalment dak mistqarr fix-xiehda tal-Inġinier Claudio Boffa ma jirreferiex fl-ispeċifiku għal prova li d-difiża qed tfittex illi xxejjen. Ix-xhud bl-ebda mod ma kien f'posizzjoni jindika jekk il-laboratorju fejn saret l-analiżi tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri jaqax taħt il-livell ta' akkreditazzjoni meħtieġ, kuntrarjament għal dak li jixhed l-iXjenzat Sammut li jiggarantixxi illi dawn l-istandards xorta waħda qed jintlaħqu għalkemm għad ma hemmx liġi regolanti l-akkreditazzjoni ta' laboratorji fejn issir lanaliżi tas-sustanzi illeċiti.*

*14. Illi dan ifisser illi l-appellant ma għandux raġun fl-aggravju minnu ntentat mhux biss għaliex il****-liġi stess ma tinneċċessitax l-akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn saret l-analizi billi din tapplika biss għall-evidenza dattiloskopika u tad-DNA, iżda ukoll għaliex l-espert stess ikkonferma illi x-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti.*** *Illi fuq kollox l-għan ta' din il-liġi mhijiex daqstant*

*li tolqot is-saħħa tal-valur probatorju ta' evidenza quddiem il-qrati fil-kamp penali, iżda kif imfisser fir-regolament 4:*

***L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:***

***(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorj imwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;***

***(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tallaboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025.***

*15. Fil-fatt anke l-għan wara id-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti standards komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta'l-istess kif speċifikat fl-artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi:* ***"Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza."***

*16. U allura magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet huwa indubitat illi* ***mhux biss l-liġi li jagħmel referenza għaliha l-appellant ma ssibx applikazzjoni għall-eżamijiet forensiċi li saret fuq is-sustanza illeċita mertu ta' dawn il-proċeduri, <u>iżda tali fatt ċertament ma jista' bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni iwassal għal xi nullita' fil-proċeduri.</u>*** *Illi dwar dawk iċ-ċirkostanzi li jġibu n-nullita' tal-att ta'l-akkuża minħabba difetti fl-atti kumpilatorji u li jistgħu jwasslu sabiex il-każ ma jistax jimxi 'il quddiem, jitkellem l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali li jġib fix-xejn l-att ta'l-akkuża kull meta d-difetti fl-atti kumpilatorji jkunu jikkonsistu fin-nuqqas ta' qari tal-akkużi mill-Prosekutur, jew in-nuqqas li jsir l-eżami mingħajr ġurament tal-akkużat, in-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja li tiddikjara illi l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u meta l-Qorti Istruttorja tirrifjuta mingħajr raġuni valida illi tisma' il-provi miġjuba mill-imputat, bid-difetti jew nuqqasijiet fl-evidenza kkumpilata ma hijiex waħda mir-raġunijiet li tista' twassal għal nullita', billi din il-materja tista' tolqot biss lammissibbilita' o meno ta'l-istess.*

*17. Għaldaqstant għal motivi hawn fuq miġjuba u ukoll għal motivi ndikati b'mod erudit fis-sentenza appellata, u li din l-Qorti tagħmel tagħha, dan l-aggravju qed jkun miċħud.'*

Għaldaqstant, in vista ta' dak ritenut fis-sentenza suċitatat, din il-Qorti qedgħa tiċħad is-sitt eċċezzjoni tal-akkużat Cassar.

Permezz **<u>tas-seba' eċċezjoni</u>** l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz ta' kwalsiasi evidenza, xhieda u dokumenti dwar Jerome Azzopardi u li ma ġewx elevati jew magħmula in konessjoni miegħu jew li m'għandhom l-ebda relevanza għall-każ odjern partikolarment fejn Dr Martin Bajada inkluda d-data li estratta miċ-ċellulari ta' Jerome Azzopardi fir-rapport tiegħu mmarkat MB1.

F'dan il-punt, il-Qorti tħoss li għandha tenfasizza dwar id-distinzjoni bejn relevanza u ammissibilta' ta' provi. Sabiex tagħmel dan din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju, 2012:

> *"28. L-akkuzat appellant, izda, ghandu ragun isostni li x-xhieda minnu indikati u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7)* ***ma setghux jigu dikjarati inammissibbli mill-ewwel Qorti fin-nuqqas ta' xi regola legali li teskludi l-produzzjoni taghhom.*** *Dan ormai huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma hix bi hsiebha hawnhekk tirripeti. L-oggezzjoni tal-Avukat Generali fl-eccezzjoni tieghu rigwardanti dawn ix-xhieda hi* ***meramen kwistjoni ta' relevanza u mhux ta' ammissibilita`, u materja ta' relevanza hi rimessa biex tigi regolata mill-Imhallef togat fil-kors tal-guri.*** *Jekk l-Avukat Generali xtaq aktar informazzjoni minn dik provduta mill-akkuzat fil-lista tax-xhieda tieghu sabiex jiddetermina r-relevanza tax-xhieda msemmija l-istess Avukat Generali kellu l-ghazla li, kif previst fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, b'rikors jitlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda jiġi iddikjarat. L-Avukat Generali, izda, naqas milli jirrikorri ghal dan ir-rimedju."*

Oltre minn hekk, din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Marta vs George Degorgio et**[8] fejn ġie ritenut hekk:

> *'120. Il-Qorti taghmel taghha d-decizjoni tal-ewwel Qorti li* ***siltet id-differenza bejn dak li hu ammissibbli u dak li hu rilevanti jew irrelevanti bhala prova fejn fil-kaz tal-ahhar id-decizjoni hi rimessa lill-gurati u mhux lill-Qorti jew lill-Imhallef togat u***

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Settembru, 2021.

*__ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tinoltra aktar minn hekk__*.

*Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;'*

Għaldaqstant, stante li din l-eċċezzjoni tirrigwardja kwistjoni ta' rilevanza. Din il-Qorti qedgħa wkoll tiċħad is-seba' eċċezzjoni tal-akkużat.

Permezz tat-**__tmien eċċezzjoni__** tiegħu, l-akkużat qiegħed jitlob ukoll l-isfilz tax-xhieda kollha fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirriżultax li ġew amministrati l-ġurament ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodiċi Kriminali u skont l-format stabbilit fl-Artikolu 577 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jiġi sfilzati wkoll l-oġġetti esebiti matul dik x-xhieda. L-akkużat isostni illi trid issir distinzjoni bejn verbal u x-xhieda nfisha u illi mhux biżżejjed jingħad *'jixhed l-Ispettur Dennis Theuma bil-malti bil-gurament jghid'* iżda x-xhieda biex tkun valida irid jirriżulta testwalment li x-xhud qed jiġi mogħti l-ġurament mir-reġistratur ai termini tal-Artikolu 632 tal-Kodiċi Kriminali u jiġi reġistrat ukoll l-format tal-ġurament li qed jittieħed fil-forma ta' *"Int A.B. aħlef (jew, wettaq solennement) li x-xiehda li sejjer tagħti, tkun is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinek."*

L-akkużat ikompli sabiex jgħid illi filwaqt li jeżistu verbali fejn jingħad li xhieda xehdu bil-ġurament pero ma jirriżultax mill-atti l-amministrazzjoni nfsiha tal-ġurament u in mankanza ta' din il-prova x-xhieda għandhom ikunu sfilzati stante li hemm distinzzjoni netta bejn verbal u l-fatt innifsu li jkun qed jiġi ndikat permezz ta' dak il-verbal. Illi jingħad in oltre, illi lanqas r-rekwizit fl-Artikolu 390 (6) tal-Kap 9 ma ġew osservati fit-traskrizzjonijiet tax-xhieda fil-kumpilazzjoni u għaldaqstant għandom jiġu sfilzati u dana meta *"Il-qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, ex officio,tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittiehdu……..jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi……..Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-typewriter u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mirreġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni.*

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal sentenza diġa' kwotata *supra* u cioe' dik fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**[9] fejn ġie ritenut hekk:

*'...Illi fil-verbal tas-seduta tas-07 ta' Frar 2018 hemm ivverbalizzat:*

*"Xehdet bil-gurament Susan Fenech li esebiet il-proces verbal immarkat bhala Dokument SF."*

*Traskrizzjoni ta' din ix-xiehda in atti ma hemmx* u din il-Qorti tazzarda tgħid li lanqas kien hemm bżonn ta' tali traskrizzjoni billi f'din ix-xiehda ma ngħad xejn ghajr li x-xhud esebiet id-dokument u kwindi l-verbal huwa xhieda ċara ta' dak li seħħ.

*"**Ir-regola hi li dak li jseħħ quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jiġi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jiġix pruvat li dak li ġie reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 (fol. 5 tal-atti) ġie reġistrat b'mod żbaljat jew inkomplet – u proprjament jekk wieħed jaqra sew l-ewwel aggravju isib li ma jingħad assolutament xejn speċifikatament dwar dan il-verbal jew il-korrettezza tiegħu – din il-Qorti neċessarjament trid toqgħod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.**[10]"* (enfasi ta' din il-Qorti)

*Illi fis-sentenza **r-Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli**[11] , fejn similment bhal fil-kaz odjern il-verbal tal-udjenza kien jindika illi Spettur tal-Pulizija xehed u ezebixxa dokument, izda ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xiehda tieghu, gie deciz hekk:*

[9] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.
[10] *Il-Pulizija v. Stephen Chetcuti et: App.Inf 07/11/2003*
[11] *App.Sup 13/06/2013*

***"…. l-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt."***

*Fuq kollox l-artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi*

*"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti* ***tista'*** *tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*

*Dan ifisser illi l-Qorti ma hijiex marbuta illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.*

*Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata u qed tigi michuda.'*

Din il-Qorti ssostni illi mhux kull ma jingħad fl-awla jiġi transkritt. Ir-regola hi li dak li jseħħ quddiem Qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jiġi reġistrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jiġix pruvat li dak li ġie reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza ġie reġistrat b'mod żbaljat jew inkomplet, il-Qorti toqgħod fuq il-verbali. Huwa minnu li forsi l-amministrazzjoni tal-ġurament skond il-liġi ma tirriżultax mill-atti, madankollu dan żgur ma jwassalx għall-isfilz tax-xhieda fejn mit-traskrizzjoni ma jirriżultax li ġew amministrati l-ġurament. Oltre minn hekk, qas hu każ ta'sfilz jekk ma jkunx hemm traskrizzjoni imma biss verbal f'dan ir-rigward. Għalhekk, din il-Qorti qedgħa tiċħad it-tmien u l-aħħar eċċezzjoni tal-akkużat.

Di piu' din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċċita l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fejn fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**,[12] f'dan ir-rigward, ikkonkludiet bis-segwenti:

> *'70. Dan ifisser illi kull xhud irid jiġi lilu somministrat il-ġurament bil-formola maħsuba fl-artikolu 632.* ***Issa l-liġi mkien ma tiddisponi illi dan il-ġurament għandu jkun rifless verbatim fl-atti tal-kawża, u allura jkun implikat illi jekk fil-verbal tal-kawża hemm imniżżel illi x-xhud ikun xehed bil-ġurament ifisser illi lil dak ix-xhud kien somministrat il-ġurament bil-formola stabbilita fil-liġi. Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellant, li kien preżenti matul it-teħid tax-xiehda mill-Qorti Istruttorja, ma lmentax, quddiem dik il-Qorti, illi xi xhud kien xehed mingħajr ma kien mogħti il-ġurament, tant hu hekk illi huwa stess iddikjara illi mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali tal-qorti. Jingħad biss illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżulta, kemm fil-verbal ta' kull seduta fejn instema' xi xhud, li x-xhud ikun xehed bil-ġurament, kif ukoll fit-traskrizzjoni ta' dik ix-xiehda, fejn hemm ukoll rifless dan il-fatt. Il-fatt li t-traskrittur ta' dik l-evidenza ma ittraskriviex kelma b'kelma l-għoti tal-ġurament ma jfissirx illi dan ma ngħatax fil-formula stabbilita fil-liġi. Żgur mhux forsi illi, anke jekk, gratia argomenti, jirriżulta dan in-nuqqas, li fil-fatt ma jemerġi minn imkien fl-atti, xortawaħda dan ma iġġibx il-konsegwenzjali nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni. Fuq kollox ix-xhieda kollha li ddepponew quddiem l-Istruttur ser jerġgħu jixhdu fil-ġuri bil-Qorti Kriminali, fil-presenza tal-appellant, tissomministra il-ġurament lil kull xhud permezz tad-Deputat Reġistratur addett ma' dik il-Qorti. Illi finalment il-Qorti tosserva illi l-artikolu 577(3) tal-Kodiċi ta'l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu***

[12] Deciza nhar it-22 ta' Novembru 2023.

***l-appellant qiegħed isejjes din l-eċċezzjoni, fost disposizzjonijiet tal-liġi oħra, ma jsibx applikazzjoni għal proċeduri kriminali u dan kif jirriżulta minn qari tal-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali[13]. Dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud ukoll.'***

Għaldaqstant, din il-Qorti qedgħa tiċħad l-eċċezzjonijiet numru wieħed (1) ,tnejn (2), tlieta (3), ħamsa (5), sitta' (6), sebgħa (7) u tmienja (8) fl-intier tagħhom. In oltre, din il-Qorti qedgħa tirriserva milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4) eċċezzjoni preliminari tal-akkużat Jonathan Cassar u dan sakemm l-akkużat permezz ta' nota bin-notifika tal-kontro parti, fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, u jindika b'mod speċifiku dak li hu jemmen li għandu jiġi sfilzat fl-isfond tal-istess raba' eċċezzjoni kif trattata aktar 'l fuq.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Maria Grech
Deputat Registratur

[13] *645. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 570, 574, 578, 579, 580, 583, 584, 585, 586, 590, 592, 598, 599, tal-artikolu 60 (1)2 u tal-artikolu 605 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali u l-imsemmija artikoli 570, 574, 583, 590, u 592 jgħoddu wkoll għal kull proċedura taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi*